## SECONDARY SCHOOLS ANNUAL EXAMINATIONS 2001

Educational Assessment Unit - Education Division

| FORM 4 | STUDJI SOĊJALI | ĦIN: SIEGĦA U NOFS |
|---|---|---|

Isem: ______________________________ Klassi: ____________

**Taqsima A**
**<u>Agħti sens lil dawn is-sentenzi billi tqiegħed dawn il-kliem f'posthom</u>:**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| politika | l-konflitt | l-Istudji Soċjali | is-soċjeta' | n-normi |
| individwi soċjali | delinkwent | kontroll soċjali | ugwaljanza | sustanzi ta' abbuż |

1. Is-soċjeta' trid taħseb biex issolvi ____________________ li jistgħu jinqalgħu bejnietna meta ma niftehmux.
2. Il-liġi Maltija taħseb biex ikun hawn ____________________ bejn ir-raġel u l-mara.
3. ____________________ hi magħmula min-nies tal-pajjiż kollha flimkien.
4. Id-drogi jissejħu ____________________ għax min jabbuża minnhom ikun qed jipperikola ħajtu.
5. ____________________ jgħallimna r-regoli tas-soċjeta' li ngħixu fiha.
6. Billi ngħixu f'soċjeta', irridu nimxu mal-valuri u ____________________ soċjali.
7. Bħala ____________________ nħossu l-bżonn li ngħixu flimkien ma' l-oħrajn fis-soċjeta'.
8. ____________________ hu dak li jikser il-liġijiet li qegħdin hemm biex jirregolaw il-ħajja tagħna.
9. Partit li joħroġ għall-elezzjoni jfassal ____________________ li jkun se jimxi biha jekk jitla' l-gvern.
10. Permezz tal-____________________ jkun hawn l-ordni fis-soċjeta' li ngħixu fiha.

(1x10=10 marki)

**Taqsima B**
**<u>Semmi tlieta</u>:**

1. Min-nies li tibni relazzjoni magħhom f'ħajtek.

   ____________________ ____________________ ____________________

2. Mezzi ta' komunikazzjoni li jgħinu fil-proċess ta' soċjalizzazzjoni.

   ____________________ ____________________ ____________________

3. Servizzi soċjali li nieħdu mis-soċjeta' meta jkollna bżonnhom.

   ____________________ ____________________ ____________________

4. Il-mezzi tat-teknoloġija li jgħinu fix-xogħol tal-bniedem.

   ____________________ ____________________ ____________________

5. Skopijiet li għandu jilħaq xandir bit-televiżjoni biex ikun ta' ġid għas-soċjeta' tagħna.

   ____________________ ____________________ ____________________

(1x15=15-il marka)

**Taqsima Ċ**
**Fil-pajjiż insibu ħafna aġenziji u għaqdiet soċjali bi skop ta' għajnuna lil dawk fostna b'xi problema.**
**<u>Agħżel tnejn minnhom u tkellem dwar l-għajnuna li joffru u lil min.</u>**

| | |
|---|---|
| **Sedqa**<br>Ċentru Nazzjonali ta' Prevenzjoni,<br>2, Triq Braille, Sta. Venera ĦMR 11 | 441014 |
| **Sedqa**<br>Servizzi ta' Riċerka u Informazzjoni | 441015 |
| **Sedqa**<br>Servizz ta' Appoġġ 24 siegħa<br>• Helpline Droga<br>• Helpline Alkoħol | <br><br>487697<br>247630 |
| **Social Welfare Development Programme**<br>Support Line | <br>179 |
| **Guidance Unit-Dip. ta' L-Edukazzjoni**<br>Servizzi ta' Parir | 237906 |
| **Caritas Malta**<br>Servizz ta' Appoġġ | 233933 |
| **Fundazzjoni OASI**<br>Servizz ta' Appoġġ | 563333 |
| **Al-Teen**<br>Servizz ta' Appoġġ | 239264 |

| **Aġenzija** | | **Għajnuna u Servizz lil min** | |
|---|---|---|---|
| 1) ________________________ | (2) | ______________________________________ | (3) |
| 2) ________________________ | (2) | ______________________________________ | (3) |

(10 marki)

**Taqsima D**
**<u>Aqra u wieġeb</u>.**

## IL-'MASS MEDIA' FIS-SOĊJETA'

Il-*mass media* għandhom erba' funzjonijiet prinċipali. L-ewwelnett huma għandhom il-funzjoni li jagħtu informazzjoni vera u sħiħa lill-poplu. Għalhekk meta ma tingħadx il-verita' kollha din tkun nuqqas serju lejn is-soċjeta'. It-tieni funzjoni hija li jedukaw. L-edukazzjoni sħiħa m'hix akkwistata biss fuq il-bank ta' l-iskola imma wkoll minn dak li naraw, naqraw u nisimgħu fuq il-media fil-ħajja ta' kuljum. Barra minn hekk, hemm organizzazzjonijiet li jagħtu korsijiet sħaħ fuq suġġetti differenti. F'Malta huwa possibli li tagħmel korsijiet ta' livell universitarju billi ssegwi programmi speċjali fuq it-televiżjoni. It-tielet funzjoni hi dik li jipprovdu divertiment. Ħafna minna jsibu li filgħaxija jieħdu gost jaraw xi programm jew ieħor, jaqraw xi ktieb jew xi gazzetta, jisimgħu xi mużika jew xi programm fuq ir-radju. Huwa mod kif jistrieħu wara ġurnata xogħol jew skola. Ir-raba' funzjoni hija li jgħinu lil dak li jkun, jitgħallem u jidra n-normi, il-valuri u d-drawwiet ta' soċjeta' partikolari. Dan il-proċess huwa msejjaħ proċess ta' soċjalizzazzjoni. **(Ibda għix fid-Dinja: Ċentru Fidi u Ġustizzja, Żejtun)**

1. Mis-silta li qrajt għid x'tifhem b'Mass Media. Agħti eżempji.________________________

   ______________________________________________________________________

2. Liema huma l-funzjonijiet tal-mass media fis-soċjeta'?______________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

3. Semmi u spjega mod wieħed kif il-mass media jgħinu fil-proċess ta' soċjalizzazzjoni?

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

4. "……Jitgħallem u jidra n-normi, il-valuri u d-drawwiet ta' soċjeta'." Fisser dan il-kliem.

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

5. Il-gazzetti, ir-radju u t-televixin kif jinfluwenzaw il-ħajja tan-nies?

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

(4x5=20 marka)

**Taqsima E**

Il-poplu jaqla' l-flus u jħallas it-taxxi. → Il-gvern juża t-taxxi biex jipprovdi servizzi soċjali. → Dawn ingawdu minnhom aħna lkoll skond il-bżonn tagħna

Min igawdi minn dawn is-servizzi soċjali:

| | **Servizz** | | **Għal min** |
|---|---|---|---|
| 1. | Children's allowance | : | tfal taħt is-16-il sena |
| 2. | Leave tal-maternita' | : | ____________________ |
| 3. | Pensjoni | : | ____________________ |
| 4. | Ċentru tas-saħħa u sptarijiet | : | ____________________ |
| 5. | Tagħlim fl-iskejjel | : | ____________________ |
| 6. | Leave għall-ġenituri | : | ____________________ |
| 7. | Ġonna pubbliċi | : | ____________________ |
| 8. | Stipendju ta' l-istudenti | : | ____________________ |
| 9. | Sedqa | : | ____________________ |
| 10. | Benefiċċju tad-diżimpieg | : | ____________________ |
| 11. | Mediċini b'xejn | : | ____________________ |

(1x10=10 marki)

**Taqsima F**



Is-soċjeta' hi magħmula min-numru kbir ta' nies li jridu jidraw jikbru, jgħixu, jaħdmu u jixjieħu flimkien. Hija magħmula minn ħafna gruppi soċjali differenti li lkoll għandhom posthom fiha u jridu jaqdu u jinqdew.

1. X'inhu grupp soċjali? ______________________________________________ (4)

2. Semmi 3 gruppi soċjali.

   ____________________ ____________________ ____________________ (3)

3. Semmi 2 gruppi soċjali li tagħmel parti minnhom int.

   ______________________________ ______________________________ (4)

4. Liema hu l-iżjed grupp soċjali importanti fis-soċjeta', u għaliex? ____________________ (4)

(15-il marka)

**Taqsima G**

1. Is-soċjeta', bħall-ġisem tal-bniedem, trid tiffunzjona billi jkun hemm komunikazzjoni u l-mezzi biex il-konflitti jiġu solvuti. Iddiskuti.

2. L-istil ta' ħajja qed jinbidel minħabba t-televiżjoni, it-turiżmu, xiri ta' prodotti barranin u żieda qawwija fil-karozzi. Fisser kif dawn il-fatturi ġabu bidla fis-soċjeta'.

3. Is-solidarjeta' soċjali hija bbażata fuq il-ħniena li għandu jkollna għal xulxin, billi kulħadd jieħdu skond il-bżonn. Semmi xi benefiċċji soċjali, min igawdi minnhom u għaliex għandhom jinqatgħu l-abbużi.

4. Quddiem il-liġi Maltija l-mara u r-raġel għandhom l-istess drittijiet u responsabiltajiet. Iddiskuti.

5. Il-kastigi mis-soċjeta' huma biżżejjed biex irażżnu l-abbuż tad-droga?

6. Ikteb dwar xi proġett jew attivita' ta' l-iskola li ħadt sehem fiha, u għid x'tgħallimt minnha.

(20 marka)